MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2008

Numru. 504/2000

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marisa Camilleri)**

**Vs**

**ANTON VASSALLO ta' 29 sena bin Carmelo u Rose Marie xebba Pullicino, imwieled il-Pieta' fit-23 ta' Settembru 1978 u residenti "St.Joseph", Felice Street, Zabbar detentur tal-karta ta'l-identita' numru 495978(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Anton Vassallo talli:

a. fil-lejl ta' bejn it-23/24 ta' Jannar 2000 f'Hal Tarxien ikkometta serq ta' kaxxa tal-ghodda u *multi-tester* u *camera* tar-ritratti tal-marka Poloroid minn gewwa van tal-

ghamla Vauxhall bin-numru tar-registrazzjoni AAP 038 l-valur taghhom jammonta ghal Lm200, liema serq hu ikkwalifikat bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu tas-sid Antonio Marmorato minn Hal Tarxien u tal-Flamingo Limited u dana ai termini ta'l-artikoli 267, 270, 271(g), 263 u 278(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. U aktar talli bejn il-lejl tat-23/24 ta' Jannar 2000 u fis-27 ta' Jannar 2000 f'dawn il-Gzejjer akkuzat talli xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li tkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom u dana ai termini ta'l-artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c. U aktar talli fis-27 ta' Jannar 2000, f'dawn il-Gzejjer saq vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan u ghalhekk ma kienx kopert bil-polza ta'l-assigurazzjoni meta kellu l-istess licenzja sospiza ghal zmien ta' sena mid-data tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-18 ta' Ottubru 1999.

d. U aktar akuzat talli sar recidiv ai termini ta'l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapiolu 9, meta kien gie misjub hati u ikkundannat ghal reati b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi saru definittivi.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali tat-12 ta' Lulju 2000 sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat Anton Vassallo jinsab akkuzat principalment b'akkuza ta' serq ta' kaxxa ghodda u camera ta' ritratti

minn vettura li hija proprjeta tal-Mirage Holdings Limited jew kif indikat fl-akkuza tal-Flamingo. Fil-mument li l-oggetti imsemmija kienu gew misruqa, din il-vettura flimkien ma'l-oggetti in kwistjoni kienu qed jintuzaw minn impjegat ta' dina s-socjeta, certu Antonio Marmara.

Illi mill-provi migjuba quddiem dina l-Qorti jidher illi dina l-kaxxa tal-ghodda instabet fil-pussess tal-imputat mill-pulizija madwar tlett ijiem wara li fil-fatt l-oggetti gew irrapurtati misruqa minn sidhom. Fil-fatt il-pulizija u cioe' il-kuntistabbli 109 u il-kuntistabbli 82 intercettaw lill-imputat fil-lejl tas-27 ta' Jannar 2000 waqt li kienu qed jaghmlu patrol gewwa Imdina Road, Hal Qormi. (ara xhieda ta' PC109 Joe Caruana). Jidher illi l-imputat allega li kien fi triqtu ghal ghand ir-ragel ta' ohtu li jaghmel xoghol ta' furnar u li kien spicca telaq bil-mixi ghaliex il-vettura li kien qieghed isuq spiccat minghajr petrol. Irrizulta illi meta il-pulizija marru flimkien mal-imputat sa fejn il-vettura dina startjat mal-ewwel u ghalhekk il-verzjoni li kienet giet moghtija minnu ma kenitx verosimili. Ghalhekk il-pulizija komplew bl-istharrig taghhom u minn tfittxija li saret fil-vettura ta'l-imputat instabet il-kaxxa tal-ghodda li kienet giet misruqa xi jiem qabel.

Meta interrogat mill-pulizija (ara stqarrija ta'l-imputat a fol.14), l-imputat innega illi huwa kien seraq dina l-kaxxa ghodda, izda stqarr illi fil-fatt kien xtraha minn ghand certu wiehed Joseph imsejjah Peppi li kunjomu ma kienx jafu, ghal prezz ta' Lm10, meta huwa kien jaf illi din l-kaxxa tal-ghodda kienet misruqa. Fil-fatt fl-istqarrija tieghu huwa ikompli ighid: "Kull ma tixtri minn ghand Joseph ikun misruq u jiena kont naf illi dina kienet misruqa."

Mix-xhieda tad-derubati u cioe' ta' Antonio Marmara u ta' Luciano Martinelli rapprezentant tal-Mirage Holdings Limited jidher illi l-oggetti misruqa kellhom valur ta' madwar Lm200.

Oltre dana ma hemmx xhieda ohra li jistghu jitfghu dawl fuq min fil-verita ikkometta is-serq ta' dawn l-oggetti. Mill-investigazzjonijiet maghmula mill-pulizija ma jidhirx illi kienu gew elevati xi impronti digitali minn fuq il-vettura

tad-derubat u ghalhekk huwa iktar difficli biex wiehed jasal sabiex jorbot dana ir-reat ta’serq mal-persuna ta’l-imputat. Kif diga inghad il-kaxxa ta’l-ghodda instabet xi tlett ijiem wara fil-pussess ta’l-imputat, filwaqt li l-camera tar-ritratti li allegatament insterqet ukoll mill-vettura tad-derubat baqghet ma instabitx. Illi ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma illi fl-atti processwali ma hemmx l-icken indizju li jista’ iwassalha sabiex tikkonkludi illi l-imputat fil-verita seraq l-oggetti in kwistjoni.

L_istess ma jistax jinghad ghall-akkuza l-ohra tar-ricettazzjoni ai termini ta’l-artikolu 334(a). Mill-provi migjuba jirrizulta illi instabet kaxxa tal-ghodda fil-pusess ta’l-imputat, liema kaxxa tal-ghodda huwa jammetti fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija fis-27 ta’ Jannar 2000 illi meta huwa xtara il-kaxxa tal-ghodda in kwistjoni kien ben konxju tal-fatt illi dana l-oggett kien provenjenti minn serq. F’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali fis-16 ta’ Dicembru 1998 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Nazzareno Zarb u Melchior Spiteri jinghad:

*“Fir-ricettazzjoni l-element intenzjonali jirrikjedi illi r-ricettatur ikun jaf jew mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ikun messu ragjonevolment ikun jaf li l-oggett li qed jakkwista gej minn provenjenza kriminuza.”* Kwindi dina l-akkuza tirrizulta ippruvata.

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll illi kien qieghed isuq vettura meta huwa kellu l-licenzja tieghu sospiza ghal zmien sena b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tat-18 ta’ Ottubru 1999 u li ghalhekk ma kienx kopert bil-polza tal-assigurazzoni. Illi l-unika prova illi l-prosekuzzjoni ressqet f’dana ir-rigward hija x-xhieda ta’ Jose’ Abela, bhala Rapprezentant tad-Dipartiment tal-Licenzji li ikkonferma illi fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat l-imputat kien skwalifikat milli ikollu licenzja tas-sewqan u dana bejn l-20 ta’ Lulju 1999 u l-20 ta’ Lulju 2000. Illi mill-akkuza madanakollu jirrizulta illi is-sentenza ghar-rigward ta’ dina s-sospenzjoni kienet inghatat fit-18 ta’ Ottubru 1999. Illi mill-fedina penali ta’l-imputat esebita fl-atti tal-kawza jidher illi fil-fatt kien hemm zewg sentenzi moghtija fil-konfront ta’l-imputat minn fejn jirrizulta li fiz-zewg sentenzi

l-imputat kellu l-licenzja tas-sewqan tieghu sospiza ghal sena u cioe' wahda moghtija f'Lulju 1999 u l-ohra f'Ottubru 1999. Illi maghdud dana kollu irid jinghad illi l-prosekuzzjoni naqqset milli tressaq l-ahjar prova f'dana ir-rigward u cioe' kopja awtentika tas-sentenza li hija imsemmija fl-akkuza u kwindi fid-dawl ta' dana in-nuqqas il-Qorti ma tistax tghaddi ghas-sejbien ta' htija ghar-rigward ta' dina l-akkuza.

L-istess jista' jinghad dwar l-ahhar akkuza migjuba fil-konfront ta'l-imputat u cioe' dwar l-akkuza tar-recidiva. Illi mill-atti processwali jidher illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tipprezenta kopja ufficjali tas-sentenzi ta' htija moghtija fil-konfront ta'l-imputat. Issa fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason James Agius moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebieta kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta'l-identita' … l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tezebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta'l-identita'. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz ta' kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkometta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati …"*

U fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Zahra moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar 2003, intqal:

*"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati tal-Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li issir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ippruvat a sodisfazzjoni tal-qorti – permezz ta' xhieda jew minn ezami ta'l-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-*

*sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti – li dawk is-sentenzi jirreferu ghal persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Fil-kaz in ezami ma saret l-ebda prova dwar ir-recidiva, u l-fedina penali ma tikostitwixxix la l-ahjar prova u lanqas prova alternattiva. Konsegwentement l-akkuza dwar ir-recidiva ma tirrizultax.

Illi dwar piena, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputat jidher illi illum irriforma hajtu u hareg mit-triq tad-delinkwenza. Dana jirrizulta kemm mix-xhieda moghtija minn Mary Tabone, care worker mal-Agenzija SEDQA, kif ukoll mill-fedina penali aggornata ta'l-imputat esebita bhala Dokument MC1. Fil-fatt minn dana id-dokument jirrizulta illi l-ahhar kaz li kellu l-imputat li dwaru ghadda proceduri kriminali jirrisali ghas-sena 2003. Jidher illi l-imputat f'dawn l-ahhar snin segwa program ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u illum anke ghandu impieg. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi piena karcerarja ma hijiex l-iktar idonja ghall-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi wara li rat l-artikoli 49, 50, 267, 270, 271(g), 263, 278(3), 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel, it-tielet u r-raba imputazzjonijiet, izda issibu hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu u cioe' l-akkuza ta' ricettazzjoni, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni illi huwa ma jikkomettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Edwina Grima
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------